MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1184/2000/1

**Avukat Dottor Victor E, Ragonesi bhala liquidatur tas-socjeta` Sanberry Developments (Malta) Limited u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta`.**

**vs**

**Peter Galea, Joseph u Josephine mizzewgin Galea, Joseph u Mary Jane mizzewgin Spiteri u Dottor Charles Vella Zarb ghal kull interess, li jista' kollu.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta' Gunju 2000 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici kienet akkwistat l-utili dominju perpetwu tal-fond numru 71, Saint Philip Street, Ghaxaq, minn ghand Maria, Catherine, Beatrice u Phyllis *sive* Filomena ahwa Peresso, in atti Dottor Joseph Cachia tat-13 ta' Dicembru 1969 (Dok "A") bil-kondizzjonijiet inkorporati fl-istess att, u kif soggett ghac-cens annwu perpetwu ta' Lm50 favur il-vendituri. Dan ic-cens gie redent in atti Dottor Paul Pullicino tal-15 ta' Frar 1972 (Dok "B") u b'hekk il-fond sar liberu u frank proprjeta` tas-socjeta` attrici, liema fond kien fi stat ta' demolizzjoni.

Illi s-socjeta` attrici qatt ma ttrasferiet l-imsemmi fond, li ghadu sallum proprjeta` taghha, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Charles Vella Zarb fis-6 ta' Frar 1996, il-konvenut Peter Galea biegh u ttrasferixxa lill-konvenuti Joseph u Josephine mizzewga Galea u lil Joseph u Mary Jane Mizzewgin Spiteri d-dar demolita kwazi ghal kollox li tawha n-numru 174, fi Triq San Filippu, Ghaxaq, ma' liema att gew annessi zewg pjanti (Dok "C", "D" u "E").

Illi jirrizulta li l-proprjeta` trasferita bl-imsemmi att notarili tas-6 ta' Frar 1996 hija l-istess proprjeta` tas-socjeta` attrici.

Illi fil-kuntratt tas-6 ta' Frar 1996 gie dikjarat li l-venditur Peter Galea kien wiret il-proprjeta` *in vendita* minn ghand zijuh Salvatore Galea u din id-dikjarazzjoni hija inveritiera u falza.

Illi ghalhekk l-istess attruri *nomine* talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara:-

1. Il-fond 71, Saint Philip Street, Ghaxaq, u l-fond 174, Triq San Filippu, Ghaxaq, huma l-istess u identiku fond.

2. Is-socjeta` attrici hija l-proprjetarja unika u assoluta tal-fond indikat fl-ewwel domanda u *cioe`* in-numru 71;

3. It-trasferimenti tal-fond li sar *in atti* Dottor Charles Vella Zarb fis-6 ta' Frar 1996 sar b'qerq u li *quindi* huwa null u m'ghandu jkollu ebda effett legali;

4. *Inoltre* jigi nominat Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' rexissjoni ta' l-imsemmi kuntratt fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb tas-6 ta' Frar 1996 sabiex jiffettwa l-kancellament ta' kull iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku, konsegwentement ghal dak li qed tordna din il-Qorti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Settembru 1999, harrek lill-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine* a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol. 4 sa fol. 16 tal-process li huma Dok "A" – kuntratt *in atti* Dottor Joseph Cachia tat-13 ta' Dicembru 1969; Dok "B" – li bih irrimedja c-cens *in atti* Dr. Paul Pullicino tal-15 ta' Frar 1972; Dok "C" – kuntratt *in atti* Dottor Charles Vella Zarb tas-6 ta' Frar 1996; - Dok "D" pjanta esebita mal-kuntratt tas-6 ta' Frar 1996; Dok "E" – pjanta esebita mal-kuntratt tas-6 ta' Frar 1996; u Dok "F" – pjanta maghmula mill-Perit Philip Azzopardi nkarigat mis-socjeta` attrici.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar it-3 ta' Awissu 2000 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2000.

Rat in-nota tal-konvenuti Peter Galea, Joseph u Josephine mizzewgin Galea, u Joseph u Mary Jane mizzewgin Spiteri datata 19 ta' Ottubru 2000 kif tidher a fol. 21 tal-process li biha qeghdin jammettu t-talbiet ta' l-attur bir-riserva illi ma kien hemm ebda qerq da parti taghhom fit-trasferiment in kwistjoni.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef mill-10 ta' Ottubru 2000 sat-8 ta' Marzu 2001 fejn meta issejhet din il-kawza ma deher hadd. Billi l-attur

*nomine* ghal darb'ohra naqas li jiehu hsieb iwettaq in-notifiki li kien fadal, il-Qorti kif diversament presjeduta halliet il-kawza *Sine Die*.

Rat ir-rikors ta' l-attur *nomine* datata 20 ta' Marzu 2001 a fol. 25 tal-process fejn talab lill-Qorti sabiex il-kawza tigi riappuntata. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph. R Micallef laqghet it-talba, bid-digriet taghha moghti fil-21 ta' Marzu 2001, u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-3 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbali l-ohra kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef mit-3 ta' Mejju 2001 sal-4 ta' Dicembru 2001.

Rat in-nota ta' Dr. Victor Ragonesi *nomine* datata 5 ta' Lulju 2001 a fol. 32 fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna n-notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali. Il-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba bid-digriet moghti fis-6 ta' Lulju 2001.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dottor Charles Vella Zarb datata 26 ta' Lulju 2001 a fol. 35 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament huwa mhux legittimu kontradittur fil-kwistjoni mertu ta' din ic-citazzjoni, peress li huwa ma kienx parti fil-kuntratt, u sempliciment ifformolizza l-intenzjonijiet tal-partijiet skond il-ligi permezz ta' att pubbliku.

2. Illi huwa agixxa f'kollox u dejjem b'mod legali u skond ma titlob il-professjoni tieghu fl-ezekuzzjoni ta' l-istruzzjonijiet li tawh il-partijiet.

3. Illi l-attur *nomine* ghandu jipprova l-premessi tieghu, specjalment dwar it-titolu tal-proprjeta` minnu pretiz kif ukoll dwar l-allegat qerq tal-konvenuti.

4. Illi l-konvenut fis-servizzi minnu rezi lill-konvenuti, bejjiegh u xerrejja, dejjem mexa *in bona fede* u skond ma titlob il-ligi fic-cirkostanzi.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 35, 36, u 37 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta tat-13 ta' Frar 2002 a fol. 45 tal-process fejn meta issejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehed bil-gurament Frank Busuttil rapprezentant tas-socjeta` Urka Services Limited prodott mill-attur. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi attrici quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna ghall-31 ta' Mejju 2002.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-31 ta' Mejju 2002 (fol.50) fejn minhabba mpediment legittimu l-kawza giet differita biex tinstema' quddiem l-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fit-8 ta' Novembru 2002.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mit-8 ta' Novembru 2002 sal-25 ta' Novembru 2005.

Rat ix-xhieda tal-konvenut Dr. Charles Vella Zarb prodott in subizzjoni mill-attur a fol. 54 tal-process; ta' Peter Galea prodott mill-konvenut a fol. 64 tal-process; ta' l-Avukat Dr. Vincent Falzon prodott mill-atturi *nomine* a fol. 83 tal-process; tan-Nutar Charles Vella Zarb ri-prodott mill-attur a fol. 114 tal-process; ta' Dr. Victor Ragonesi prodott mill-konvenuti in kontro-ezami (fol. 123) u n-Nutar Victor Bisazza prodott mill-attur (fol. 132); ta' Gaetano Degabriele prodott mill-konvenut (fol. 139) li wkoll ipprezenta estratt minn Gazzetta tal-Gvern ta' l-4 ta' Awissu 1970; rega' xehed in-Nutar Victor Bisazza prodott in kontro-ezami mill-konvenut (fol. 143); ta' Joseph Casingena prodott mill-konvenut u li pprezenta

notifikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern numru 599 tal-4 ta' Awissu 1970 (fol. 153); u x-xhieda tal-konvenut Peter Galea (fol. 156).

Rat in-nota tal-konvenut in-Nutar Charles Vella Zarb datata 9 ta' Gunju 2003 a fol. 78 tal-process li biha pprezenta tliet Dokumenti li huma Dok "PH1" – kopja ta' ritratti ta' l-art in kwistjoni detenuta mill-familja Galea; Dok "PG2" – kopja tar-ritratti ta' l-istess art fejn jidher indikat il-garaxx mibni minn terzi bla titolu; u Dok "PG3" – kopja tal-kontijiet u spejjes inkorsi minn Peter Galea.

Rat in-nota ta' l-attur *nomine* datata 23 ta' April 2004 a fol. 96 tal-process li biha esebixxa kopji ta' korrispondenza; (1) ittra mid-difensur sottoskritt lil Dr. V. Falzon bid-data tat-8 ta' Mejju 2003; (2) Ittra minn Dr. V. Falzon lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar bid-data tad-9 ta' Mejju 1996; (3) Ittra Ufficjali tat-18 ta' Frar 1997, iffirmata minn Dott. V. Falzon, mibghuta lil Ludovico Vella; (4) Ittra minn Dr. Philip Sciberras fis-26 ta' Frar 1997 a nom ta' Ludovico Vella; (5) Ittra tal-24 ta' Marzu 1997 minn Dr. V. Falzon lil Dr. Philip Sciberras; (6) Ittra tas-16 ta' Mejju 1997 minn Dr. Philip Sciberras lil Dr. Vincent Falzon; (7) Ittra minn Dr. Victor Ragonesi lil Dr. Vincent Falzon bid-data tat-8 ta' Jannar 2004; u (8) Ittra minn Dr. Vincent Falzon lil Dr. Victor Ragonesi bid-data tal-15 ta' Jannar 2004.

Rat in-nota ta' Dr. Charmaine Cherrett datata 10 ta' Jannar 2005 a fol. 121 tal-process li biha nformat lill-Qorti li rrinunzjat ghall-patrocinju tal-konvenut Peter Galea.

Rat in-nota ta' l-attur datata 25 ta' Novembru 2005 a fol. 163 tal-process li biha pprezenta kopja ta' zewg dokumenti originali emessi skond *The Commerical Partnership Ordinance 1962*.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta tat-12 ta' Jannar 2000 a fol. 166 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Thomas Abela ghall-konvenut in-Nutar Dr. Charles Vella Zarb. Prezenti Dr. Victor Ragonesi ghall-attur *nomine,* u l-konvenuti l-ohra baqghu ma dehrux. Dr. Franco Debono

ghall-konvenuti ssejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Il-Qorti rat li hadd mill-konvenuti l-ohra ma deher. Rat il-verbal tal-25 ta’ Novembru 2005 u ddikjarat il-provi maghluqa. Dr. Victor Ragonesi, ghall-atturi, talab li jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lill-atturi biex jipprezentaw in-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta’ osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuti jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-atturi. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-6 ta’ Gunju 2006.

Rat in-nota t’osservazzjonijiet, kif gie mitlub fil-verbal precedenti, ta’ l-attur *nomine* pprezentata fir-Registru fis-17 ta’ Ottubru 2006 kif jidher a fol. 168 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet responsiva tal-konvenut in-Nutar Charles Vella Zarb ipprezentata fir-Registru fl-24 ta’ April 2006 a fol. 172 tal-process.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata 6 ta’ Gunju 2006 u l-verbali l-ohra tal-31 ta’ Ottubru 2006 u tal-14 ta’ Novembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Victor Ragonesi bhala attur *nomine* u Dr. Thomas Abela ghall-konvenut in-Nutar Charles Vella Zarb. Id-difensuri prezenti trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t’ostakolu ghall-31 ta’ Jannar 2007.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ attrici qed tallega li hija proprjetarja tal-fond 71, St. Philip Street Ghaxaq permezz ta’ kuntratti datati 13 ta’ Dicembru 1969 u 15 ta’ Frar 1972, u li l-imsemmi fond huwa l-istess wiehed li gie trasferit mill-konvenut Galea lill-konvenuti Joseph u Josephine Galea u Joseph u Mary Jane Spiteri permez ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Charles Vella datat 6 ta’ Frar 1996 u dan ghalkemm l-fond indikat fl-istess kuntratt huwa dak bin-numru 174, u li l-atturi ddikjaraw li huwa xorta wahda l-istess fond numru 72.

Illi l-konvenuti Peter Galea, Joseph u Josephine Galea u Joseph u Mary Jane Spiteri b’nota ta’ ammissjoni datata 19 ta’ Ottubru 2000 iffirmata minn uhud minnhom u mill-Avukat Dr. Vincent Falzon ammettew it-talbiet attrici fil-konfront taghhom ghalkemm qalu li ma kien hemm ebda qerq *da parte* taghhom fit-trasferiment in kwistjoni.

Illi min-naha l-ohra n-Nutar konvenut sostna li huwa mhux il-legittimu kontradittur u dan ghaliex ma kienx parti fil-kuntratt u kull ma ghamel kien biss li huwa fformalizza l-intenzjoni tal-partijiet skond il-ligi.

Illi din il-Qorti thoss li bil-mod li hija fformulata l-azzjoni attrici din hija intiza sabiex l-fond hemm indikat anke kif enumerat jigi ddikjarat li huwa proprjeta’ tas-socjeta’ attrici, b’dan li din id-dikjarazzjoni tinkorpora u tinkludi wkoll li jkun hemm rexissjoni tal-kuntratt maghmul bejn il-konvenuti Peter Galea u Joseph u Josephine Galea u Josoph u Mary Jane Spiteri datat 6 ta’ Frar 1996. Dan kollu jinsab ammess mill-konvenuti ffirmatarji tal-imsemmi kuntratt u minhabba tali ammissjoni ta’ l-istess konvenuti hawn imsemmija certament li t-talbiet attrici fil-konfront ta’ l-istess ma jistghux hlief jigu milqugha u dan fl-isfond anke li d-dikjarazzjoni li l-venditur Peter Galea kien wiret il-proprjeta’ *in vendita* minghand zijuh Salvatore Galea hija inveritiera.

Illi din il-Qorti thoss li f’dan il-kuntest jirrizulta li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut in-Nutar Charles Vella Zarb, li gie

inkluz fil-kawza, ghall-kull interess li jista' jkollu, ghandha tigi milqugha u dan peress li huwa ma kienx parti fl-istess kuntratt impunjat mis-socjeta' attrici, la bhala venditur u lanqas bhala kompratur, u la darba l-azzjoni hija mmirata biss sabiex tiddikjara li l-proprjeta hemm indikata fl-atti tac-citazzjoni hija proprjeta' tas-socjeta' attrici u tirrexxindi l-kuntratt bejn il-konvenuti Galea u Spiteri bhala partecipi fl-istess, l-istess Nutar konvenut huwa estraneu ghal dan kollu.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li certament it-talbiet attrici ma humiex f'dan is-sens relevanti ghall-istess konvenut Nutar tant li jista' jinghad li din l-azzjoni hija wahda ferm differenti minn azzjoni li titratta dwar ir-responsabbilta' tal-konvenut bhala Nutar *ut sic* mal-klijenti tieghu stess fuq bazi kontrattwali, kif kien il-mertu tas-sentenza fl-ismijiet **"Carmel u Helen konjugi Galea vs Nutar Pubbliku Dottor Pierre Falzon"** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Ottubru 2006 (P.A. (TM) – Citaz. Numru 286/2002), u lanqas fuq dik ibbazata fuq kawza ta' danni naxxenti minn att ta' allegata negligenza kif konsiderat fil-kawza fl-ismijiet **"Mary Xuereb *nomine* vs Nutar Emmanuele Agius"** (A.C. 23 ta' Mejju 1960), fejn appuntu fiz-zewg decizjonijiet hemm imsemmija kienu tratatti talbiet ghad-danni fir-rigward ta' l-istess Nutar u dan minhabba l-allegat agir ta' l-istess Nutar. F'din il-kawza ma hemm ebda talba ta' danni fil-konfront tan-Nutar u l-istess citazzjoni jidher li hija diretta sabiex l-istess atturi jigu ddikjarati bhala proprjetarji ta' l-immobbli indikata fic-citazzjoni attrici, anke ta' dik indikata fil-kuntratt ippubblikat minn Nutar Charles Vella Zarb, izda li l-komparenti ta' l-istess kienu l-konvenuti l-ohra.

Illi ghalhekk *in vista* tal-premess jinghad li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Charles Vella Zarb ghandha tigi milqugha.

Illi ghall-kompletezza jinghad ukoll li minn kif formulata l-ammissjoni tal-konvenuti l-ohra jidher li huma ammettew biss li tali dikjarazzjoni dwar il-provjenza tal-proprjeta' hekk trasferita mill-konvenut Peter Galea lill-kompraturi fl-istess att pubbliku impunjat ma kienitx tirrifletti l-verita'

izda jinghad minnhom li ma kien hemm ebda qerq fit-trasferiment in kwistjoni, u dan huwa wkoll rifless mix-xhieda li ta Dr. Vincent Falzon, fejn spejga fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2003 ghaliex u sa fejn saret l-ammissjoni tal-konvenuti ndikati f’din il-kawza, bbazata fuq il-premessa li ma riedux jirrispondu ghat-talbiet attrici ghaliex ma riedux inkwiet u sabiex ikun hemm tnaqqis ta’ spejjez, izda jghidu li qatt ma qarrqu.

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti s-socjeta’ attrici ma irnexxilhiex tipprova lanqas l-istess allegat qerq – hemm biss l-ammissjoni tal-konvenuti Galea u Spiteri fuq il-premessi l-ohra u hija proprju fuq din l-ammissjoni u sakemm din twassal li t-talbiet attrici qed jigu milqugha fil-konfront biss tal-konvenuti Peter Galea, Joseph u Josephine Galea, u Joseph u Mary Jane Spiteri, u dan anke peress li din il-Qorti thoss, li apparti l-istess ammissjoni, provi ta’ l-allegat qerq ma sarx mis-socjeta’ attrici – u dan meta kien l-oneru tas-socjeta’ attrici li tipprova dan - certament li din il-prova ta’ allegat qerq bl-ebda mod ma saret fil-konfront tal-konvenuti kollha u din il-Qorti thoss li din lanqas saret fil-konfront tan-Nutar Charles Vella Zarb.

Illi ghal dak li huwa l-mertu tal-kaz din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti ghandha u tista’ tilqghu biss sa fejn hemm l-ammissjoni tal-konvenuti Galea u Spiteri ghaliex *in verita’* altrimenti hemm provi konfliggenti anke dwar in-numru tal-bieb u dan anke kif jidher a fol. 141 tal-process li hija Gazzetta tal-Gvern datata 4 ta’ Awissu 1970 li turi li dak li sar il-fond 174 kien qabel il-fond 69 li giet esebita minn Gaetano Degabriele mid-Dipartiment ta’ l-Informazzjoni fit-8 ta’ April 2005, Dan apparti li mill-provi jirrizulta wkoll li anke jekk wiehed jiehu x-xhieda tan-Nutar Victor Bisazza datata 27 ta’ Mejju 2005 l-konvenut Nutar agixxa wkoll korrettament.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sens hawn deciz biss fil-konfront tal-konvenuti Peter Galea, Joseph u Josephine Galea, u Joseph u Mary Jane Spiteri u dan biss minhabba l-ammissjoni taghhom fil-kuntest tan-nota

taghhom datata 19 ta' Ottubru 2000 a fol. 21 tal-process, fil-waqt li talbiet attrici qed jigu michuda fil-konfront tal-konvenut in-Nutar Charles Vella Zarb, dan fis-sens li qed tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni tieghu, u konsegwentement qed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex ma huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Dr. Charles Vella Zarb, u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, minhabba l-ammissjoni tat-talbiet attrici mill-konvenuti l-ohra Peter Galea, Joseph u Josephine mizzewgin Galea, u Joseph u Mary Jane mizzewgin Spiteri fil-limiti ta' l-istess nota ta' ammissjoni ta' l-istess datata 19 ta' Ottubru 2000, **tilqa' t-talbiet attrici hekk kif ammessi** fis-sens hawn premess b'dan illi:-

1. Tiddikjara li fuq ammissjoni ta' l-indikati whud mill-konvenuti l-fond 71, Saint Philip Street, Ghaxaq, u l-fond 174, Triq San Filippu, Ghaxaq, huma l-istess u identiku fond.

2. Tiddikjara li fuq ammissjoni ta' l-indikati whud mill-konvenuti s-socjeta` attrici hija l-proprjetarja unika u assoluta tal-fond indikat fl-ewwel domanda u *cioe`* in-numru 71;

3. Tiddikjara li fuq ammissjoni ta' l-indikati whud mill-konvenuti t-trasferiment tal-fond li sar *in atti* Dottor Charles Vella Zarb fis-6 ta' Frar 1996 huwa null u m'ghandu jkollu ebda effett legali;

4. Tinnomina lin-Nutar Pubbliku Marco Burlo sabiex jippubblika l-att ta' rexissjoni ta' l-imsemmi kuntratt fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb tas-6 ta' Frar 1996 u sabiex jiffettwa l-kancellament ta' kull iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku, relattiv ghall-istess.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Settembru 1999, tan-Nutar hawn nnominat u tal-konvenut Dr. Charles Vella Zarb a karigu tal-konvenuti Peter Galea, Joseph u Josephine mizzewgin Galea, u Joseph u Mary Jane mizzewgin Spiteri.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------